**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 423/2010**

**Illum 5 ta' April 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Marija Cassar**
**(ID 325090(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Marija Cassar, bint Mario Cassar u Rita nee` Bonnici, imwielda l-Pieta` fit-8 ta' Lulju 1990, residenti gewwa 84, Flat 3, Triq Santa Rita, Birzebbugia, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 325090(M);

Akkuzata talli fis-6 ta' Gunju 2010 ghall-habta tas-2.30 pm u zminijiet qabel waqt li kienet fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer:

1. Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha

skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess taghha f'tali mod li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

2. Akkuzata wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala persuna li m'hix ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs xi oggett li jkun, li hu projbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew li garret jew ippruvat iggor xi oggett bhal dak barra mill-habs.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li m'humiex kontestati kienu s-segwenti: Nhar is-6 ta' Gunju 2010, ghall-habta tas-2.30 p.m., saret *strip search* lill-imputata gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, meta hija marret sabiex izzur lis-sieheb taghha, certu Maximilian Ciantar, li dak iz-zmien kien qieghed jinzamm il-habs, fid-divizjoni YOURS. Hekk kif l-imputata giet ordnata minn WCO 24 Antonia Magro u WCO 01 Karen Grech sabiex titbaxxa u tiftah il-parti intima taghha, waqa' mill-istess parti intima tal-imputata, *condom* li kien fih bhal bocca

b'sustanza suspettata droga.[1] Dakinhar stess, l-imputata ttiehdet l-Ghassa tal-Pulizija tal-Fgura fejn irrilaxxjat stqarrija u dan wara li nghatat is-solita twissija li ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li taghmel dan, izda dak li tghid jista' jingieb bhala prova, u wara li rrifjutat d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha, liema stqarrija hija ghazlet li ma tiffirmahiex.[2]

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[3] jirrizulta illi huwa kien inghata, minghand l-Ispettur Spiridione Zammit, *envelope* ta' lewn kannella ssiggillat u immarkat *"Maria Cassar 325090(M) 6/06/2010"*, liema *envelope* kien jikkontjeni *envelope* iehor ta' lewn abjad. Dan l-*envelope* kien iffirmat u kien fih *condom,* li kien jikkontjeni bicca plastik trasparenti li kien fiha trab ta' lewn kannella. Skont l-istess relazzjoni, fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella fl-istess dokument, instabet is-sustanza eroina, il-piz tat-trab kien ta' 0.16 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 15%.

L-imputata ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri.[4]

**Ikkunsidrat**:

Permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputata odjerna qed tigi akkuzata bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina ossia pussess ta' droga f'tali cirkustanzi li juru li din id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha, fil-waqt illi permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, hija qed tigi akkuzata wkoll talli, minghajr awtorita` legittima, dahhlet jew ipprovat iddahhal oggett projbit f'xi parti tal-konfini ta' habs.

Ma hemmx dubbju mill-provi prodotti illi fil-jum in kwistjoni ossia fis-6 ta' Gunju 2010, l-imputata odjerna dahlet gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex taghmel vizta mas-sieheb taghha ta' dak iz-zmien, certu Maximilian Ciantar, fil-waqt illi fil-pussess taghha, ossia mohbija fil-parti intima taghha, kellha d-droga eroina. Apparti illi dan jirrizulta car mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, l-imputata tistqarr illi dakinhar hija kienet fil-pussess ta' din id-droga, stante illi kien l-istess Ciantar li kien talabha, u sahansitra heddidha, sabiex tipprovdilu l-eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. In

---

[1] Ara x-xhieda ta' WCO 1 Karen Grech, a fol. 26A sa 27 tal-process, ix-xhieda ta' WCO 42, a fol. 36 sa 39 tal-process u x-xhieda ta' PS 285 Geoffrey Cutajar, a fol. 24 u 25 tal-process, flimkien mar-rapport tieghu a fol. 10 u 11 tal-process.
[2] L-istqarrija tal-imputata tinsab esebita a fol. 12 u 13 tal-process.
[3] Din tinsab esebita a fol. 8 tal-process verbal esebit a fol. 15 tal-process.
[4] Ix-xhieda tal-imputata tinsab a fol. 49 sa 74 tal-process.

oltre tghid ukoll fix-xhieda taghha illi kienet hija stess, bl-ghajnuna ta' Ciantar li pprovdielha n-numru tac-cellulari ta' terza persuna, illi akkwistat id-droga eroina bil-prezz ta' €30 minghand din it-terza persuna gewwa Bormla, liema droga, imbaghad, hija dahlet biha gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fil-jum in kwistjoni, proprju bl-iskop li tghaddiha lil Ciantar. Jirrizulta in oltre mix-xhieda taghha, illi l-imputata kienet familjari mad-droga eroina, stante illi wara li ltaqghet ma' Ciantar u stabbiliet relazzjoni mieghu, hija wkoll bdiet taghmel uzu mid-droga eroina. M'hemmx dubbju ghalhekk illi fil-jum in kwistjoni, l-imputata kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, liema droga ma kinitx intiza ghaliha izda ghas-sieheb taghha ossia ghal Maximilian Ciantar.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi d-difiza tal-imputata m'hijiex illi hija ma kellhiex din id-droga fil-pussess taghha, izda illi hija kienet giet mhedda mis-sieheb taghha Maximilian Ciantar sabiex tikkonsenjalu d-droga fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fejn kien mizmum fiz-zmien in kwistjoni[5]. Fix-xhieda taghha, wara li tghid illi kien instab pakkett bl-eroina fil-pussess taghha u mistoqsija ghalfejn kellha fil-pussess taghha din id-droga, l-imputata tghid hekk: *"Jiena gejt mhedda minnu li jekk ma ndahhallux, meta johrog ipattihieli u jien bzajt minnu. Jien kont nibza minnu eh jigifieri"*[6]. Mitluba tispjega lill-Qorti x'riedet tfisser meta tghid li kienet qeghda tigi mhedda, terga' tghid hekk: *"Li jekk ma ndahhallux u hekk, johrog u jpattihieli u jien kont nibza' minnu*"[7] u mistoqsija tghid ghaliex kienet tibza' minnu, hija twiegeb: "*Hu gieli kien jerfa' idejh u hekk*"[8], ghalkemm tghid ukoll illi dwar dan hija qatt m'ghamlet rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, proprju ghax kienet tibza' minnu. Tghid illi "*Hu kien isawwatni u hekk jigifieri u jien kont nibza' minnu*".[9] Tispjega r-reazzjoni taghha meta l-gwardjani skoprew il-pakkett mohbi fuq il-persuna taghha: *"dak il-hin qisni bzajt u mmutajt hux jiena"*[10]. Il-Qorti kkunsidrat ulterjorment id-deposizzjoni tal-imputata b'risposta ghas-segwenti domanda: *"U inti kif kont taghmel? Fejn kien jghidlek Maximilian biex ddahhalu d-droga?*" ghal-liema hija wiegbet hekk: *"Waqt il-visit, meta kont mmur narah"*[11], apparti li tghid ukoll illi din ma kinitx l-ewwel darba li Ciantar talabha biex iddahhallu d-droga, li hija kienet tmur tarah darbtejn fil-gimgha u mistoqsija

---

[5] Ara t-trattazzjoni tad-difiza a fol. 140 u 141 tal-process.
[6] Ara a fol. 51 tal-process.
[7] A fol. 54 tal-process.
[8] A fol. 54 tal-process.
[9] A fol. 58 tal-process.
[10] A fol. 57 tal-process.
[11] A fol. 58 tal-process.

x'kien jghidilha f'dawn l-okkazzjonijiet tghid "*Dejjem biex indahhallu d-droga u hekk*"[12] u li jekk ma taghmilx dan ipattihielha meta johrog mill-habs. Tghid ukoll l-imputata illi minkejja li Ciantar kien talabha diversi drabi sabiex iddahhalu d-droga gewwa l-habs, din kienet l-ewwel okkazzjoni li hija kienet ghamlet dan. Tghid ukoll illi ma kienet semmiet xejn dwar dan fl-istqarrija rilaxxjata minnha lill-pulizija ghaliex dak il-hin bezghet u li f'dak iz-zmien, hija kienet ghadha f'relazzjoni ma' Ciantar.

Imbaghad, xehdu wkoll il-familjari tal-imputata dwar ir-relazzjoni tal-istess imputata ma' Ciantar u dan fis-sens illi skont huma, f'dan iz-zmien, apparti illi bdiet taghmel uzu mid-droga, hija telqet mid-dar biex tghix mieghu u li meta kienu jippruvaw icemplulha fuq il-*mobile* taghha, Ciantar kien minflok ikellimhom hu u jheddidhom. Skont Mario Cassar, missier l-imputata, l-istess imputata kienet tigi msawwta minn Ciantar. Anke omm l-imputata tghid illi l-imputata kienet tghidilha li Ciantar kien jahqarha, sakemm eventwalment wara li Ciantar u l-imputata kellhom wild, l-istess imputata telqet lil Ciantar u regghet marret lura ghand il-genituri taghha, apparti illi ma baqghetx taghmel uzu mid-droga. Effettivament jirrizulta mix-xhieda ta' Jean Cali` in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas illi hija fittxet l-ghajnuna fis-sena 2012 u minn dak iz-zmien baqghet il-boghod mid-droga.

Ghalkemm il-missier jghid illi huwa gieli ghamel rapporti mal-pulizija, inkluz dwar is-swat fuq bintu, l-unici erba' rapport li gew esebiti f'dawn il-proceduri ma jirrigwardaw l-ebda rapport li sar minn missier l-imputata. Rapport minnhom sar fis-sena 2011, skont liema, l-imputata nstabet fil-pussess tad-droga eroina u rapport iehor sar f'Jannar 2012 mill-imputata, li stqarret li hija kellha argument ma' Ciantar gewwa l-Isptar Mater Dei, izda mistoqsija jekk kienx heddidha jew refa' jdejh fuqha "*hija stqarret li qatt ma kien refa' idu fuqha u lanqas ma kien heddidha*", li din kienet l-ewwel darba li Ciantar parla fil-vojt u stqarret in oltre "*li hi ma tibzax minnu*".[13] Rapport iehor sar f'April 2012 minn Graziella Castillo fi hdan l-Agenzija Appogg li, skont l-istess rapport, sejjhet ghall-protezzjoni tal-pulizija wara li Ciantar beda jhedded lill-impjegati gewwa l-bini tal-istess Agenzija. Jirrizulta mill-istess rapport illi l-imputata, flimkien ma' Ciantar u ma' missieru, marru gewwa l-Agenzija u hemmhekk Ciantar beda jhedded u joffendi lill-impjegati tal-Agenzija, bir-rizultat li kellhom jintervjenu l-pulizija, izda anke hawn Ciantar ma waqafx, sakemm fl-ahhar irnexxielhom sa certu punt

[12] A fol. 59 tal-process.
[13] A fol. 109 u 110 tal-process.

jikkalmawh, izda hekk kif kien tielaq minn fuq il-post, xorta baqa' jhedded lis-*social worker*. Finalment, gie esebit ukoll rapport datat 19 ta' Frar 2013, li ghamel Ciantar fil-konfront tal-imputata ghaliex skont hu, din kienet qaltlu li kienet ser tara kif taghmel biex ma thallihx jara lil ibnu u li kienet ser taghmel rapport fis-sens illi huwa sawwatha u li jehdilha l-flus. Meta mitkellma, l-imputata qalet illi hija kellha argument ma' Ciantar wara li qaltu li huwa ma kienx missier binha u li Ciantar imbuttaha fuq is-sodda u gibdilha xagharha. Madankollu, ma riditx li tittiehed azzjoni kontra tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif inghad, id-difiza tissottometti illi l-imputata dahhlet id-droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minhabba t-theddid li kienet tigi soggettata ghalih minn Ciantar li, skont hi, kien gieli jerfa' jdejh fuqha. Proprjament id-difiza lanqas ma qajjmet id-difiza tal-koerzjoni kif kontemplata fl-Artikolu 33 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'dan ir-rigward, izda llimitat ruhha biss sabiex tissottometti illi l-Qorti ghandha tikkunsidra c-cirkostanzi kollha li fihom kienet tinsab l-imputata u li wasslu sabiex hija finalment iddahhal id-droga l-habs ghas-sieheb taghha. Effettivament, mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-imputata kellha l-volonta` hielsa li trid il-ligi sabiex jista' jinghad illi hija kienet kriminalment responsabbli dwar l-atti minnha kommessi.

Kif jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu, l-element formali li jrid jissussisti sabiex wiehed jinstab hati ta' reat kriminali jikkonsisti fis-segwenti: "*a) The power of volition: i.e., the offender must be able to "help doing" what he does; b) knowledge that what the offender is doing is wrong; wrong, either intrinsically or, at any rate, in prospect of such circumstances as he has grounds for foreseeing; c) foresight of such circumstances.*"[14]

L-Artikolu 33 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk: "*Kull persuna tkun ezenti minn responsabilita` kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas – ... (b) kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha*".

---

[14] *Lectures in Criminal Law (First Year)*, pagna 60.

F'dan ir-rigward, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Settembru 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Gauci**, il-Qorti fissret l-elementi ta' din l-iskriminanti b'dan il-mod:

"Sabiex tirnexxi din il-linja ta' difiza, jigi rilevat mal-ewwel li mhux kull tip jew forma ta' forza barranija hija accettata ghall-fini tad-dispost ta' l-imsemmi Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. Ukoll, sabiex tigi eskluza l-intenzjoni kriminali, iridu necessarjament jikkonkorru r-rekwiziti li ser jigu spjegati issa.

**L-ewwel nett**, din **trid tkun forza barranija gejja minn haddiehor**, kif gja' intqal, u trid tkun tali li minhabba fiha bniedem ma jkunx responsabbli ghal dak li jaghmel, trid tkun forza barranija li tinnewtralizza kompletament il-volonta` tal-bniedem, li twasslu jew ggieghlu jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, haga li fin-normalita` tal-hajja ma kienx altrimenti jaghmel.

**Fit-tieni lok, trid tkun forza barranija li qed issir fuq bniedem mhux biss qabel ma hu jaghmel dak li jigi mgieghel li jaghmel kontra l-volonta' tieghu, izda trid tkun ezistenti fil-waqt li hu qieghed, effettivament, iwettaq dak l-eghmil.** L-Artikolu kwotat qabel fil-fatt isemmi l-kliem "fil-waqt ta' l-att". Ghalhekk jekk fil-mument li jsir l-att materjali, ma hemmx din il-forza barranija ezistenti, ma jistghax japplika l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. F'dak il-kaz mhiex eskluza l-intenzjoni kriminuza.

**Fit-tielet lok**, din il-forza barranija gejja minn haddiehor, trid tkun wahda **irrezistibbli**. Dan ifisser mhux biss li dak li jkun ma jfittex jew ma jipprovax li jirrezistiha, mhux biss li dak li jkun ma jaghmilx l-icken sforz biex jehles minn dik il-forza barranija biex ma jasalx jaghmel dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, izda trid necessarjament tkun forza barranija li bniedem bla ebda mod ma jista' jieqfilha, jirrezistiha, jehles minnha. Trid tkun forza barranija tassew irrezistibbli li bniedem ma jkunx kapaci li jirrezistiha. Dan l-element ta' irrezistibilita' tal-forza barranija, mela, hu element verament essenzjali w ferm importanti. Trid tkun forza barranija, ghalhekk, li bniedem verament ma jistghax jirrezisti, u mhux xi forza li ma jipprovax jirrezisti. Kif jghid il-Professur Mamo, trid tkun forza "*truly irresistible and not merely unresisted*."

**Fir-raba' lok**, din ic-cirkostanza tal-**forza barranija trid necessarjament tkun wahda serja jew gravi hafna, fis-sens li tista' twassal ghall-konsegwenzi serji**

**jew gravi hafna**. Per ezempju, bniedem jigi mhedded bil-mewt, b'pistola ma'rasu, jekk ma jaghmilx dak li qed jigi mgieghel li jaghmel. Tista' tiehu l-forma ta' minaccja jew theddid ta'mewt ta' xi hadd tal-familja, li ssir lill-minaccjat biex jigi mgieghel jaghmel xi haga. Iridu jkunu cirkostanzi serji jew gravi li, imqarr fuq il-grad tal-probabbli, juru din il-forza barranija rrezistibbli, gejja minn haddiehor, forza ta' certa gravita', tant li f'dak il-mument, il-bniedem minaccjat ma jkollux triq ohra hlief li jesegwixxi dak li qed jigi mgieghel li jaghmel kontra il-volonta' tieghu. Iridu jkunu cirkostanzi dawn li jekk dak il-bniedem minaccjat ma jaghmilx dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, allura, hemm il-perikolu serju w reali li dak it-theddid jew minaccji jissarrfu f'realta'. Iridu jkun cirkostanzi li juru, imqar sal-grad tal-probabbli, li dak il-bniedem minaccjat <u>ma kellu ebda triq ohra</u>, ma setghax jirrezistihom jew jikkombattihom, jigifieri, bilfors kellu jaghmel dak li kien qed jigi mgieghel jew sfurzat li jaghmel.

Isegwi, allura, illi jekk il-bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista' jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9 ma jkunx jista' jigi nvokat jew applikat. Cioe', jekk, f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita' li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwel nett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita'. Jekk ma jaghmilx hekk, u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-kaz ir-responsabilita' kriminali tieghu ma tkunx eskluza w l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. ma japplikax.

Illi minn dan kollu li gie enuncjat sa issa, jidher car, ghalhekk, li din il-linja difensjonali tal-koerzjoni hi kollha kemm hi kwistjoni ta' cirkostanzi, ta' fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu jiggudika, imqarr sal-grad tal-probabbli, li tassew il-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setghax, fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija <u>bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe' ma kellux alternattiva ohra kif jista' jehles minn dik il-forza barranija</u>." [enfasi u sottolinear ta' dik il-Qorti].

Issa f'dan ir-rigward, il-Qorti fl-ewwel lok qieset dak li xehdet l-imputata fir-rigward tad-decizjoni taghha li taghmel dak li gie rikjest minnha minn Ciantar, u b'mod partikolari s-segwenti:

1. Illi minkejja d-diversi talbiet li skond l-imputata kien ghamlilha Ciantar sabiex tipprovdih bi drogi waqt li huwa kien qieghed jigi mizmum fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u minkejja l-biza' taghha minnu, kien biss dak inhar tas-6 ta' Gunju 2010 li hija effettivament ghamlet dak li kien talab minnha Ciantar, u ghalhekk jirrizulta illi f'okkazzjonijiet ohra l-imputata ghazlet li ma toqghodx ghall-istruzzjonijiet ta' Ciantar;

2. Illi fir-rapport li hija ghamlet nhar id-29 ta' Jannar 2012[15] l-imputata stqarret illi Maximilian Ciantar "qatt ma kien refa' idu fuqha u lanqas ma kien heddidha" [sottolinear ta' din il-Qorti] u wkoll illi hija ma tibzax minn Ciantar. Dan ma jikkombacjax u sahansitra jikkontradixxi x-xhieda tal-imputata in kwantu xehdet illi Ciantar kien heddidha, gieli refa' jdejh fuqha u kienet tibza' minnu. Naturalment jista' jinghad illi l-imputata kienet tibza' minn Ciantar u li kien ghalhekk li ma stqarret xejn lill-pulizija, izda l-Qorti wara kollox tinnota illi kienet l-istess imputata li ghamlet dan ir-rapport fil-konfront tieghu, wara li kienu argumentaw gewwa l-isptar Mater Dei. Mill-banda l-ohra, il-Qorti tinnota wkoll illi jirrizulta mir-rapport tad-19 ta' Frar 2013[16], illi wara li Ciantar kien ghamel rapport fil-konfront taghha, hija qalet lill-pulizija illi Ciantar kien imbottaha fuq is-sodda u gibdilha xagharha, ghalkemm talbet li ma tittiehed l-ebda azzjoni kontra tieghu;

3. In kontro-ezami, l-imputata tghid illi qatt ma marret l-isptar, minkejja li Ciantar gieli hebb ghaliha. Missierha, Mario Cassar, jghid illi f'okkazzjoni minnhom, huwa kien ra lil bintu mbengla, ghalkemm ma qaltlux f'dik l-okkazzjoni li kienet giet imsawwta. Omm l-imputata tghid illi l-imputata qaltilha li Ciantar kien jahqarha, fil-waqt illi hu l-imputata ma jghid xejn dwar dan, hlief li missieru kien jigi mhedded minn Ciantar, waqt illi l-missier kien icempel lil bintu l-imputata.

Ghalkemm baqghu ma gewx esebiti rapporti li saru minn missier l-imputata fil-konfront ta' Ciantar, u li huwa jsemmi fix-xhieda tieghu, jew sentenzi tal-Qorti fil-

[15] A fol. 108, Dok. MC3.
[16] A fol.103, Dok. MC1.

konfront ta' Ciantar jew anke tal-missier, biss kemm il-missier, kif ukoll hu l-imputata jghidu li kienu telghu l-Qorti, skont il-missier ghaliex Ciantar kien allega li huma hedduh. Kienet x'kienet din il-vicenda, mix-xhieda tal-imputata, tal-familjari taghha u r-rapporti esebiti, din il-Qorti m'ghandhiex dubju illi r-relazzjoni ta' bejn l-imputata u Ciantar kienet wahda turbulenti, u li huwa tassew probabbli li Ciantar kien jhedded kemm lill-imputata, kif ukoll lill-familjari taghha, u l-Qorti tasal biex tghid ukoll illi x'aktarx Ciantar ma kien jiddejjaq xejn jerfa' jdejh fuq l-imputata. Madankollu, certament li ma jistax jinghad illi dan it-theddid kien jikkostitwixxi dik il-forza barranija li trid il-ligi. Fil-fehma tal-Qorti it-theddid ta' Ciantar li jerfa' jdejh fuqha la darba johrog mill-habs u li skont l-imputata, holoq l-allegat biza' fiha:

(i) la kien ta' tali portata li kellu l-effett li jinnewtralizza l-volonta` taghha, tant illi din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputata giet mitluba minn Ciantar sabiex taghmel dak li effettivament ghamlet, izda fid-drabi precedenti, minkejja tali theddid, hija ma pprovditlux id-droga u kien biss fl-okkazzjoni tas-6 ta' Gunju 2010 li hija ghazlet li taghmel dan;

(ii) la kien jezisti waqt it-twettiq tal-eghmil kriminuz, tant illi f'xi hin wara vizta partikolari ma' Ciantar, l-imputata gabret dan il-pakkett minghand terza persuna skond struzzjonijiet lilha moghtija minn Ciantar, zammet l-istess pakkett fil-pussess taghha u fil-jum tas-6 ta' Gunju 2010, hadet hsieb illi tostor l-istess pakkett fuq il-persuna taghha qabel ma dahlet bih fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u sussegwentement ghamlet proprju dan, dejjem fil-waqt illi Ciantar kien konfinat fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin;

(iii) la kien irrezistibbli, tant illi apparti li rrezistiet tali theddid f'okkazzjonijiet ohra, f'din l-okkazzjoni setghet tirrezisti lill-imputat bil-mezzi li taghtiha l-ligi, fosthom billi titlob l-protezzjoni f'waqtha tal-forzi tal-ordni, b'mod partikolari meta wiehed iqis illi Ciantar kien jinsab fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin;

(iv) lanqas ma kien ta' serjeta' jew gravita` tali fis-sens li trid il-ligi.

Kif jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu "*Moral coercion operates as a ground for exemption from criminal responsibility when it completely suppresses the*

*possibility of a normal determination on the part of the person doing or omitting the fact. When it does not attain such a degree of intensity, but leaves to that person the possibility of determining himself one way or another, even with with an effort or at some sacrifice, then the old maxim of Roman Law "coactus tamen voluit" applies and the fact is imputable, saving the discretion of the Court to mitigate the punishment within the latitude permitted by law, having regard to the particular circumstances under which the offence was committed*".

Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li f'dan il-kaz ma japplikax l-iskriminanti kkontemplat fl-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

L-istess ragunament japplika ghat-tieni imputazzjoni u fil-fatt lanqas ma hemm dubbju illi din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata. L-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalih tirreferi din l-imputazzjoni, jghid hekk:

"*Meta xi persuna, li ma tkunx ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita` legittima, iddahhal jew tipprova ddahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew iggorr jew tipprova ggorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs, tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja, multa ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).*"

It-tieni sub-artikolu tal-istess artikolu, imbaghad, jghid hekk:

"*Meta l-oggett li jidhol jew li sar attentat biex jidhol f'habs kif intqal qabel ikun arma regolari kif imfisser fl-artikolu 64 tal-Kodici Kriminali, jew xi sustanza espluziva kif imfisser fl-artikolu 314 tal-Kodici Kriminali, jew xi likwidu jew sustanza li tahraq jew korruziva, jew xi medicina li tkun medicina perikoluza skont l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew li tkun medicina li hi kontrollata b'regolamenti maghmulin taht l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, il-piena tkun prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux izjed minn tmintax-il xahar kemm il-darba ma jkunx hemm provduta piena oghla taht xi ligi ohra*".

F'dan il-kaz, il-Qorti qed tqis lill-imputata bhala akkuzata ai termini tal-ewwel sub-artikolu u mhux tat-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 7, minkejja illi l-oggett in kwistjoni kien droga eroina. Dan qed jinghad in vista tal-fatt illi minkejja li fiz-

zmien li bdew il-proceduri odjerni, il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati kienet testendi biss ghal delitti li jaqghu taht piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sitt xhur, fil-kaz odjern ghalkemm ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 il-piena ta' prigunerija fil-massimu taghha hija ta' tmintax-il xahar, ma jirrizultax illi sar l-ezami tal-imputata skont il-ligi u hija ghalhekk lanqas ma giet mistoqsija jekk kellhiex oggezzjoni li l-procedura tkun wahda sommarja, in kwantu t-tieni imputazzjoni. Biss m'hemmx dubbju, anke minn qari taz-zewg sub-artikoli flimkien, illi d-droga eroina hija oggett ipprojbit fit-termini tas-sub-artikolu (1), tant illi fir-rigward ta' dik id-droga li hija meqjusa bhala medicina perikoluza taht il-Kapitolu 101, bhal ma hija d-droga eroina, u ta' droga skedata taht il-Kapitolu 31, fost affarijiet ohrajn imsemmijin fis-sub-artikolu (2), il-ligi tirrizerva piena izjed harxa ghal ragunijiet ovvji tenut kont tan-natura tal-oggetti hemmhekk indikati. Naturalment, f'dan il-kaz, la darba ghar-ragunijiet spjegati, il-Qorti qeghda tqis it-tieni imputazzjoni bhala li tikkontempla r-reat fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260, il-Qorti tista' tasal biss biex timponi piena ai termini ta' dan is-sub-artikolu u mhux il-piena izjed gravi kkontemplata fis-sub-artikolu (2). Fi kwalunkwe kaz, fil-kaz odjern, il-Qorti qed tqis illi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonjiet, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u li f'dan ir-rigward ghandha tapplika l-piena l-izjed gravi ossia dik applikabbli ghar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok illi l-fedina penali tal-imputata fiz-zmien tal-kaz odjern kienet wahda netta u li ghalkemm ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri, biss sa certu punt, hija kkoperat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, illi n-natura u s-serjeta` tar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni u li l-imputata nstabet fil-pussess tad-droga eroina intiza ghas-sieheb taghha, gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiz ghar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-abitanti tieghu – b'dan illi apparti li qed tqis ukoll ic-cirkostanzi li fihom kienet l-istess imputata, qed tqis ukoll l-kwantita` tas-sustanza misjuba fil-pussess taghha, li effettivament kienet wahda minima.

Ikkunsidrat ukoll illi minn dak iz-zmien, l-imputata ma baqghetx taghmel uzu mid-droga, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Jean Cali in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas.[17]

In oltre, kif diga` inghad izjed 'il fuq, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, qed issib lill-imputata hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt ewro (€900) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, hamsa u hamsin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€155.47) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 1184 Patrick Grech ammontanti ghas-somma ta' sitta u tletin ewro u tmien centezmi (€36.08). Dawn l-ispejjez ammontanti b'kollox ghas-somma ta' mija u wiehed u disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€191.55) ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sitt xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita in atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din

---

[17] A fol. 76 *et seq* tal-process.

il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' proceduri ohrajn fil-konfront ta' terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat